**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 180/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**vs**
**AB**

**Illum 27 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

AB ta' 42 sena, iben A u B li twieled gewwa Pieta' nhar ix-x ta' Dicembru 1979,

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' April 2022 u t-3 ta' April 2022 fil-hinijiet ta' 23:00hrs sa 00:00hrs gewwa Rabat (Malta);

1. Bil-hsieb li jwegga lil martu u cioe' CD wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt b'tentattiv li jigu kagunati feriti gravi fuq persuna, liema delitt ma giex ezegwit mihabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' CD f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq persunta, hekk kif iccertifika Dr Andrea Calleja (Med Reg 4697);

3. Hebb sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil CD jew lil haddiehor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' that xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza kontra AB a beneficcju ta' CD u l-familjari taghha u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'kaz ta' htija sabiex tipprovdi ghall-persuna ta' CD jew biex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil AB billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u jew torbot lil AB b'obligazzjoni tieghu innifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-Ufficjal Prosekutur Eman Hayman qara u ikkonferma bil-gurament ic-citazzjoni fil-konfront ta' l-imputat u dan fis-seduta datata 4 t'April 2022;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' certifikat tat-twelid ta' l-imutat immarjat bhala Dok EH1, Person details form immarkat bhala Dok EH2, Karta ta' l-identita' ta' l-imputat immarkat bhala Dok EH3, Okkorenza immarkata bhala Dok EH4, Certifikat Mediku immarkat bhala Dok EH5, Dikjarazzjoni ta' CD immarkat bhala Dok EH6, Sett ta' tlett ritratti immarkati bhala Dok EH 7, Stqarrija ta' l-imputat immarkata Dok EH8 u Kunsens ta' l-Avukat Generali immarkata bhal Dok EH9.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2022 il-kwerelanta CD taht gurament iddikjarat li qed tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat, u talbet li tigi ezentata milli tixhed stante li l-imputat jigi r-ragel taghha. Il-Qorti laqghet it-talba taghha u ezentat lill-istess CD milli tixhed.

Il-Prosekuzzjoni iddikjarat li mhux se ttellgha izjed xhieda stante li x-xhieda rimanenti huma kolla *hear say* u ma hemm l-ebda xhud okulari li jaf fuq dawn il-fatti. Id-difiza ma tellghet l-ebda prova:

**Ikkunsidrat:**

Illi fin-nuqqas tax-xhieda tal-kwerelanta, l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati u ghalhekk fuq nuqqas ta' provi l-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat AB hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni stante li ma tirrizultax u ghaldaqstant tilliberah minnha u tiddikjara l-procediment ezawrit ghal-dak li jirrigwarda t-tieni (2) u tielet (3) imputazzjonijiet stante li l-kweranta CD irtirat il-kwerela taghha.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**